IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.11.2012
COM(2012) 750 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013

MT MT

INTRODUZZJONI

Il-kriżi finanzjarja u ekonomika li għaddejja fl-UE kienet spinta għal bidla kbira. Wieħed jista' jara l-impatt tagħha fir-ristrutturar profond li qed isir bħalissa fl-ekonomiji tagħna. Dan il-proċess iġib id-diżordni, huwa politikament ta' sfida u diffiċli soċjalment - iżda huwa neċessarju li tinbena bażi għat-tkabbir u l-kompetittività fil-ġejjieni li jkunu intelliġenti, sostenibbli u inklużivi.

Sabiex tkompli bir-riformi neċessarji, jeħtieġ li l-UE tkun tista' turi li l-politiki tagħna qed jaħdmu, li se jagħtu riżultati maż-żmien u li se jkunu implimentati b'mod ġust f'termini tal-impatt fuq is-soċjetajiet tagħna. Hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri u tal-Istituzzjonijiet tal-UE li jikkoreġu l-problemi tal-passat u jpoġġu l-UE fi triq ta' żvilupp aktar sostenibbli għall-ġejjieni. Filwaqt li tirrikonoxxi li l-ekonomiji tagħna huma marbuta ma' xulxin mill-qrib, l-UE issa qiegħda tirriforma l-governanza ekonomika tagħha sabiex tiżgura reazzjonijiet politiċi aħjar għall-isfidi attwali u tal-ġejjieni.

L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir iniedi s-Semestru Ewropew għall-2013 u jistabbilixxi kif tista' tintuża din ir-responsabbiltà kondiviża biex ikun hemm bidla madwar l-UE, filwaqt li tinbena bażi biex jerġa' jkun hemm tkabbir u ħolqien tal-impjiegi.

Il-kuntest

Is-sitwazzjoni ekonomika fl-UE baqgħet fraġli fl-2012. Għas-sena sħiħa, il-PDG issa huwa mistenni li jonqos b'0,3% fl-UE u 0,4% fiż-żona tal-euro. Se jittieħed iż-żmien biex nersqu lejn irkupru sostenibbli[1]. Wara bosta snin ta' tkabbir dgħajjef, il-kriżi qed ikollha konsegwenzi soċjali serji. Is-sistemi ta' protezzjoni soċjali taffew ftit mill-effetti fil-bidu, iżda l-impatt issa qed jinħass kullimkien. Il-qgħad żied b'mod sostanzjali u t-tbatija u l-faqar qed jiżdiedu. Dawn id-diffikultajiet jidhru b'mod partikolari fiż-żona tal-euro, iżda jmorru lil hinn minnha.

It-tul ta' żmien tal-kriżi ma għenx lill-Istati Membri jagħmlu progress biex jilħqu l-miri tagħhom tal-Ewropa 2020 f'dak li għandu x'jaqsam mal-impjiegi, ir-riċerka u l-iżvilupp, il-klima/l-enerġija, l-edukazzjoni u l-ġlieda kontra l-faqar, u b'mod globali l-Ewropa għadha lura milli tilħaq l-objettivi tagħha[2]. Madankollu, jeħtieġ li l-progress f'dawn l-oqsma kollha jimxi lejn ekonomija Ewropea intelliġenti, sostenibbli u inklużiva.

Filwaqt li l-isfidi jvarjaw b'mod sinifikanti bejn il-pajjiżi u ġewwa ż-żona tal-euro, il-prospettiva ta' rkupru bil-mod toħloq sitwazzjoni diffiċli għall-UE kollha. Il-livelli ta' dejn akkumulati mill-atturi pubbliċi u privati jirrestringu l-ambitu għal attivitajiet u investimenti ġodda. L-għodda fiskali u tal-politika monetarja ġew immobilizzati ħafna u l-possibbiltà għall-manuvrar issa hija limitata. Ir-riformi strutturali huma parti essenzjali fir-restawr tal-kompetittività tal-Ewropa iżda t-teħid ta' dawn id-deċiżjonijiet ta' spiss huwa diffiċli. It-trasparenza dwar l-objettivi tal-politiki attwali u l-attenzjoni għas-sens ta' ġustizzja f'termini tal-impatt fuq is-soċjetà se jkunu importanti ħafna biex jinżamm il-momentum għar-riformi.

---

[1] Aktar informazzjoni dwar is-sitwazzjoni ekonomika u tal-impjiegi hija disponibbli fit-tbassir ekonomiku tal-Kummissjoni tal-ħarifa ppubblikat fis-7 ta' Novembru 2012 u fid-dokumenti mehmużin mal-Istħarriġ.

[2] Għal ħarsa ġenerali tal-progress lejn il-miri tal-Ewropa 2020, ara: "Europe 2020 Strategy – towards a smarter, greener and more inclusive EU economy?" (L-Istrateġija Ewropa 2020 - Lejn ekonomija tal-UE aktar intelliġenti, aktar ekoloġika u aktar inklużiva?), Eurostat, Statistics in focus, 39/2012.

Il-perspettiva fuq żmien qasir għadha prekarja iżda hemm ukoll xejriet aktar pożittivi involuti. L-iżbilanċi makroekonomiċi, li akkumulaw fqu żmien twil, issa qed jiġu kkorreġuti, u partijiet tal-Ewropa qed jerġgħu jsiru kompetittivi, anke jekk għad fadal xi jsir biex jiġu eliminati d-diverġenzi fil-prestazzjoni[3]. Qed isir progress fil-konsolidament tal-finanzi pubbliċi, u ttieħdu passi importanti biex jitnaqqsu t-tensjonijiet fis-swieq finanzjarji. Huwa importanti li wieħed jinnota li għal dawk il-pajjiżi li bdew riformi profondi, hemm l-ewwel sinjali li dawn qed jibdew jaħdmu, u b'hekk id-dejn qed jonqos fis-settur pubbliku u privat f'għadd ta' Stati Membri u l-esportazzjonijiet qed jiżdiedu f'bosta pajjiżi li qabel kellhom defiċits kbar fil-kummerċ.

Diġà sar ħafna fil-livell tal-UE fl-2012 biex jinkiser iċ-ċirku vizzjuż bejn id-dgħjufija tas-sistemi finanzjarji tagħna, it-tensjonijiet fis-suq tad-dejn sovran u t-tkabbir ekonomiku żgħir, sabiex jinħolqu l-kundizzjonijiet għal irkupru sostenibbli:

- L-istabbiliment tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà jipprovdi salvagwardja kredibbli biex tgħin lill-pajjiżi fiż-żona tal-euro li l-aċċess tagħhom għall-finanzi huwa limitat.
- L-adozzjoni ta' Patt għal Tkabbir u Impjiegi mill-Kapi tal-Istat jew il-Gvern fil-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2012 għandha tagħti spinta lill-isforzi tal-leġiżlatur u l-amministrazzjonijiet tal-UE fil-livelli kollha biex jimmobilizzaw il-lievi tat-tkabbir li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom - mill-implimentazzjoni tal-Atti dwar is-Suq Uniku sal-użu aktar immirat tal-Fondi Strutturali tal-UE. Il-Kummissjoni dan l-aħħar ipproponiet ukoll strateġija biex ittejjeb il-funzjonament tas-swieq tal-enerġija, kif ukoll miżuri għal politika industrijali msaħħa.
- Qed jiġu implimentati regoli ġodda biex tissaħħaħ il-governanza ekonomika, l-aktar fiż-żona tal-euro (il-leġiżlazzjoni "six pack"), qed jintlaħaq qbil fuqhom (it-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza) jew se jintlaħaq qbil fuqhom dalwaqt (il-leġiżlazzjoni "two pack").
- Il-Bank Ċentrali Ewropew ħa miżuri importanti biex jissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja fiż-żona tal-euro.

Qed jiġu diskussi deċiżjonijiet ewlenin oħrajn, li se jinfluwenzaw il-ġejjieni tal-Ewropa:

- Għad hemm bżonn li jintlaħaq ftehim globali dwar il-qafas finanzjarju pluriennali tal-UE għall-2014-2020. Dan se jkun essenzjali fir-restawr tat-tkabbir u l-kompetittività madwar l-Ewropa u sabiex jintlaħqu l-miri tagħna tal-Ewropa 2020.
- Qed jitqiesu passi importanti biex tiġi rinfurzata l-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM). Flimkien ma' dan l-Istħarriġ, il-Kummissjoni qed tippreżenta pjan għal UEM ġenwina. Il-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2012 se jiddiskuti dawn il-kwistjonijiet ukoll.

Ir-rakkomandazzjonijiet annwali speċifiċi għal kull pajjiż adottati f'Lulju 2012[4] għandhom ikunu l-bażi għall-azzjoni mill-Istati Membri. L-implimentazzjoni hija s-suġġett ta' djalogu kontinwu bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni u l-progress se jiġi vvalutat fir-rebbiegħa li

[3] It-tieni Rapport Annwali dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija (COM(2012)751) għall-identifikazzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi huwa adottat mill-Kummissjoni flimkien mal-Istħarriġ.

[4] Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż jistgħu jinsabu fuq: http://ec.europa.eu/europe2020/making-it-happen/country-specific-recommendations/index_mt.htm

ġejja. Kif muri mir-rapport mill-Parlament Ewropew dwar is-Semestru Ewropew[5], il-monitoraġġ fil-livell tal-UE għandu rwol importanti biex jikkoordina u jissumplimenta l-isforzi tal-Istati Membri stess.

Il-prijoritajiet

L-iskop ta' dan l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir huwa li jistabbilixxi l-prijoritajiet ekonomiċi u soċjali għall-UE fl-2013, billi jipprovdi gwida globali lill-Istati Membri u lill-UE fit-tmexxija tal-politiki tagħhom. L-istħarriġ iniedi t-tielet semestru Ewropew tal-koordinazzjoni politika, li permezz tiegħu l-prestazzjonijiet u l-prijoritajiet nazzjonali jiġu riveduti b'mod kollettiv fil-livell tal-UE fl-ewwel nofs ta' kull sena. Il-Kunsill Ewropew se joħroġ gwida f'Marzu 2013 u l-Istati Membri wasallhom iż-żmien biex jippreżentaw programmi nazzjonali sa nofs April 2013, u wara dan il-Kummissjoni se tippreżenta ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi tagħha għal kull pajjiż.

L-isfida fuq żmien qasir hija li tinġieb lura l-fiduċja u tiġi stabbilizzata s-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja, filwaqt li jitwettqu riformi strutturali li se jibnu l-bażi għal irkupru sostenibbli b'ħafna impjiegi u li se jippermetti lill-ekonomija tinbidel fi żmien medju. Tali aġġustament se jieħu ż-żmien, u għalhekk jeħtieġ li tittieħed azzjoni issa.

Fuq il-bażi tas-sinjali pożittivi li r-riformi li diġà nbdew qed ikollhom impatt, il-Kummissjoni tqis li l-prijoritajiet identifikati fl-Istħarriġ tas-sena l-oħra għadhom validi b'mod wiesa' u li l-isforzi fil-livell nazzjonali u tal-UE fl-2013 għandhom jerġgħu jiġu kkonċentrati fuq il-ħames prijoritajiet li ġejjin:

- It-tkomplija tal-konsolidament fiskali differenzjat u favorevoli għat-tkabbir
- Ir-restawr tas-self normali lill-ekonomija
- Il-promozzjoni tat-tkabbir u l-kompetittività għal-lum u għal għada
- L-indirizzar tal-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi
- L-immodernizzar tal-amministrazzjoni pubblika

1. IT-TKOMPLIJA TAL-KONSOLIDAMENT FISKALI DIFFERENZJAT U FAVOREVOLI GĦAT-TKABBIR

Bħala riżultat tal-kriżi, il-proporzjoni tad-dejn sovran żdied fi ftit snin biss minn 60% għal 90% tal-PDG fil-medja fiż-żona tal-euro. Il-finanzi pubbliċi jeħtieġu b'mod urġenti li jiġu riveduti sabiex isostnu s-sistemi ta' protezzjoni soċjali u s-servizzi pubbliċi, sabiex jiġu limitati l-ispejjeż tal-finanzjament mill-ġdid għall-Istat u awtoritajiet pubbliċi oħrajn, u sabiex jiġu evitati riperkussjonijiet negattivi għall-bqija tal-ekonomija, inklużi effetti ta' kontaġju possibbli f'pajjiżi oħra. L-iżviluppi demografiċi se jkomplu jżidu wkoll il-pressjoni fuq in-nefqa relatata mal-età. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-politika fiskali fiż-żona tal-euro, fejn l-impatt tal-politiki fiskali nazzjonali mhux sostenibbli fuq Stati Membri oħrajn huwa ħafna akbar minn bnadi oħra.

Ix-xejra globali tal-konsolidament fiskali li qed iseħħ bħalissa tindika li qed isir progress: id-defiċits tal-gvern fiż-żona tal-euro huma mistennija jonqsu minn medja ta' aktar minn 6% tal-PDG fl-2010 għal ftit aktar minn 3% fl-2012. Id-dejn pubbliku huwa mistenni jilħaq l-ogħla

[5] Il-Parlament Ewropew, "Rapport dwar is-Semestru Ewropew għall-Koordinament tal-Politiki Ekonomiċi: implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-2012 [2012/2150(INI)], Ottubru 2012.

limitu ta' madwar 94,5% is-sena d-dieħla fiż-żona tal-euro u fl-2014 madwar l-UE, u mbagħad għandu jibda jonqos bħala perċentwal tal-PDG.

Il-konsolidament fiskali jista' jkollu impatt negattiv fuq it-tkabbir fi żmien qasir. Dan l-effett x'aktarx ikun akbar matul il-kriżijiet finanzjarji meta l-kundizzjonijet ta' finanzjament għal atturi ekonomiċi oħrajn huma limitati wkoll. Madankollu, dan mhuwiex l-uniku fattur li jaffettwa t-tkabbir: skont l-għażliet li jsiru dwar il-kompożizzjoni tal-aġġustament, l-"effett multiplikatur" tal-politika fiskali tkun differenti. Pereżempju, l-esperjenza wriet li fil-pajjiżi li għandhom ishma relattivament għoljin ta' nefqa pubblika fil-PDG, u rati tat-taxxa relattivament għoljin, il-konsolidament fiskali miksub permezz ta' tnaqqis tan-nefqa aktar milli żieda oħra fid-dħul mit-tassazzjoni huwa aktar ta' appoġġ lit-tkabbir fit-tul. Bejn l-2009 u l-2012 il-konsolidament fiskali nkiseb bl-użu ta' miżuri kemm tan-nefqa kif ukoll tad-dħul f'limitu ġeneralment simili: in-nefqa hija prevista li naqset b'żewġ punti perċentwali tal-PDG u d-dħul żdied b'1,3 punti perċentwali.

Barra minn hekk, ix-xenarju alternattiv, dak li jiġi pospost l-aġġustament fiskali, jispiċċa jiġi jiswa ħafna iktar. Bosta Stati Membri ma jistgħux jiffinanzjaw il-ħtiġijiet tagħhom billi jużaw is-swieq jew qed jitħabtu biex jikkontrollaw id-diskrepanzi dejjem jiżdiedu fil-bonds tagħhom minħabba dubji dwar is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tagħhom. Dak li huwa meħtieġ f'dawn il-pajjiżi sabiex tinkiseb il-kunfidenza tal-investituri mill-ġdid, jitnaqqsu l-ispejjeż tal-ħlas lura tad-dejn u tinħoloq possibbiltà għall-manuvrar, huwa sforz iddeterminat, b'pass xieraq, biex il-finanzi pubbliċi jitpoġġew fit-triq tas-sostenibbiltà. L-impatt negattiv fuq it-tkabbir jista' jiġi mmitigat ħafna, sakemm l-aġġustament fiskali jkun imfassal sew. Il-ksib lura tas-sostenibbiltà fiskali se tibbenifika kemm lill-atturi pubbliċi kif ukoll lil dawk privati f'dawn il-pajjiżi u se tikkontribwixxi għall-istabbiltà finanzjarja globali tal-UE.

Kull Stat Membru huwa f'pożizzjoni fiskali u ekonomika differenti u huwa għalhekk li l-Kummissjoni tappoġġa sforz differenzjat ta' konsolidament fiskali, xieraq għal kull pajjiż. B'mod konformi mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, dawn l-istrateġiji għandhom jiffokaw fuq il-progress miksub f'termini strutturali aktar milli f'termini purament nominali, u għandhom jinkludu kompożizzjoni ta' aġġustament li tappoġġa kemm it-tkabbir kif ukoll is-sens ta' ġustizzja. Tali approċċ differenzjat jgħin ukoll fl-aġġustament mill-ġdid tal-iżbilanċi tal-kont kurrenti.

Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jipprovdi l-qafas xieraq għal aġġustament fiskali flessibbli u effiċjenti. Il-miri fiskali huma espressi f'termini nominali, u dan huwa dak li ta' spiss jiddomina l-aħbarijiet. Madankollu, il-Patt jenfasizza l-pożizzjoni baġitarja sottostanti u għalhekk l-isforz ta' konsolidament irrakkomandat mill-Kunsill huwa espress f'termini strutturali[6]. Għaldaqstant, jekk dawn il-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati, Stat Membru jista' jingħata żmien itwal biex jikkoreġi d-defiċit eċċessiv tiegħu jekk sitwazzjoni ekonomika agħar milli dik mistennija twaqqfu milli jilħaq l-objettiv miftiehem tiegħu. Pereżempju, matul l-2012, id-dati ta' skadenza għal Spanja u l-Portugall biex jerġgħu jġibu d-defiċits tal-gvern tagħhom taħt it-3% tal-PDG ġew estiżi b'sena u b'hekk kellhom sal-2014 biex jiksbu dan l-għan. Ladarba s-sitwazzjonijiet ta' defiċit eċċessiv jiġu korretti, l-Istati Membri għandhom jilħqu l-objettiv baġitarju ta' żmien medju, li jiżgura li l-finanzji pubbliċi jinżammu f'livelli sostenibbli.

6 Il-bilanċ fiskali huwa espress f'termini strutturali meta jiġi kkoreġut għall-impatt taċ-ċiklu ekonomiku u l-miżuri temporanji u ta' darba biss.

Għal dawk l-Istati Membri li tilfu l-aċċess għas-suq għall-finanzjament mill-ġdid tad-dejn tagħhom, jeħtieġ pass rapidu ta' aġġustament fiskali biex terġa' tinkiseb il-fiduċja tal-investituri.
Sforz ikkonċentrat, kif miftiehem fil-programmi ta' aġġustament ekonomiku, se jiffaċilita wkoll il-korrezzjoni neċessarja tal-iżbilanċi makroekonomiċi. L-evidenza hija appoġġata mill-aġġustament pożittiv li qed iseħħ fl-Irlanda, il-Portugall u r-Rumanija. Fil-Greċja, madankollu, il-proċess kien itwal u aktar għali minħabba bosta fatturi flimkien, inkluża l-inċertezza rikorrenti fir-rigward tal-implimentazzjnoi tal-programm.

Għall-Istati Membri b'possibbiltà fiskali akbar għall-manuvrar, l-istabbilizzaturi awtomatiċi jistgħu jwettqu r-rwol tagħhom b'mod sħiħ, b'mod konformi mal-Patt. Il-pass tal-konsolidament jista' jappoġġa t-tkabbir, iżda l-Istati Membri għandhom iżommu f'moħħhom ir-riskji fiskali possibbli li jirriżultaw mid-dewmien fil-konsolidament fid-dawl tal-isfidi ta' livelli ta' dejn għoljin, il-prospettiva ta' popolazzjoni li qed tixjieħ u l-potenzjal ta' tkabbir relattivament baxx f'xi pajjiżi, kif ukoll il-konsegwenzi negattivi li jistgħu jirriżultaw minn bidla fl-attitudni tas-suq.

Il-Kummissjoni se tkompli tkun attenta għall-iżviluppi fl-ekonomija reali. B'mod partikolari, il-previżjonijiet tax-xitwa tal-Kummissjoni li ġejjin, li huma ppjanati għall-bidu tas-sena d-dieħla, se juru jekk l-Istati Membri qed jirrispettaw id-direzzjoni miftiehma għat-tnaqqis tad-defiċit strutturali tagħhom u jekk l-aġġustamenti fid-data ta' skadenza għall-korrezzjoni tad-defiċits eċċessivi jkunu ġustifikati, b'rispett sħiħ tal-ispirtu u t-test tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Ir-restawr ta' finanzi pubbliċi sodi huwa proċess twil. Regoli ta' governanza tal-UE u oqfsa fiskali nazzjonali b'saħħithom, kif previst fil-leġiżlazzjoni tal-UE, se jgħinu biex dawn l-isforzi jibqgħu jsiru maż-żmien. Tali regoli jinkludu l-istabbiliment ta' regoli fiskali numeriċi, ir-rikors għal istituzzjonijiet fiskali indipendenti u l-ippjanar fuq żmien medju, flimkien ma' sorveljanza multilaterali tal-progress.

Fir-rigward tan-nefqa tal-baġits tal-gvern, huwa essenzjali li wieħed iħares lejn l-effiċjenza u l-effettività globali tal-infiq. Filwaqt li s-sitwazzjoni hija differenti bejn il-pajjiżi, il-Kummissjoni rrakkomandat li wieħed ikun selettiv meta jkun previst xi tnaqqis sabiex jiġu preservati l-potenzjal għat-tkabbir fil-ġejjieni u x-xbieki ta' sikurezza soċjali essenzjali. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tqis li:

- L-investimenti fl-edukazzjoni, ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-enerġija għandhom jingħataw prijorità u jiġu msaħħa fejn huwa possibbli, filwaqt li tiġi żgurata l-effiċjenza ta' tali nefqa. Għandha tingħata wkoll attenzjoni partikolari għaż-żamma jew ir-rinfurzar tal-kopertura u l-effettività tas-servizzi tal-impjiegi u l-politiki tas-suq tax-xogħol attivi, bħal pereżempju t-taħriġ għall-persuni qiegħda u l-iskemi ta' garanzija għaż-żgħażagħ.
- L-immodernizzar tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali għandu jitkompla sabiex jiġu żgurati l-effettività, l-adegwatezza u s-sostenibbiltà tagħhom. Ir-riformi tas-sistemi tal-pensjoni għandhom jitħaffu sabiex tiġi allinjata l-età tal-irtirar mal-istennija tal-għomor, jiġi ristrett l-aċċess għall-iskemi ta' rtirar bikri, u tiġi permessa ħajja professjonali itwal. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-isfidi demografiċi u l-pressjoni fuq in-nefqa relatata mal-età, ir-riformi tas-sistemi tal-kura tas-saħħa għandhom jitwettqu sabiex jiġu żgurati l-kosteffettività u s-sostenibbiltà, filwaqt li tiġi valutata l-prestazzjoni ta' dawn is-sistemi meta mqabbla mal-mira doppja ta' użu aktar effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi u aċċess għal kura tas-saħħa ta' kwalità għolja.

Fir-rigward tad-dħul tal-baġits tal-gvern, ix-xejriet reċenti juru li bosta Stati Membri żiedu t-taxxi fuq l-introjtu personali u/jew ir-rati tal-VAT[7]. Madankollu għad hemm lok li jiċċaqlaq il-piż globali tat-taxxa lejn bażijiet tat-taxxa li huma inqas ta' ħsara għat-tkabbir u l-ħolqien ta' impjiegi, u li s-sistemi tat-taxxa jsiru aktar effiċjenti u aktar ġusti. Tali bidla tirrikjedi approċċ ta' pakkett li jiżgura distribuzzjoni mill-ġdid ekwa u jkun adattat għaċ-ċircostanzi tal-Istati Membri individwali. Għalhekk il-Kummissjoni tirrakkomanda li:

- Il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol għandu jitnaqqas b'mod sostanzjali fil-pajjiżi fejn huwa komparattivament għoli u jfixkel il-ħolqien tal-impjiegi. Sabiex jiġi żgurat li r-riformi jkunu newtrali f'dak li għandu x'jaqsam mad-dħul, it-taxxi bħal pereżempju t-taxxa fuq il-konsum, it-taxxa fuq il-proprjetà rikorrenti u t-taxxi ambjentali jistgħu jiżdiedu.
- Id-dħul addizzjonali għandu jiżdied preferibbilment billi jitwessgħu l-bażijiet tat-taxxi aktar milli biż-żieda tar-rati tat-taxxa jew bil-ħolqien ta' taxxi ġodda. L-eżenzjonijiet mit-taxxa, ir-rati tal-VAT imnaqqsa jew l-eżenzjonijiet mid-dazji tas-sisa għandhom jitnaqqsu jew jiġu eliminati. Is-sussidji li huma ta' ħsara għall-ambjent għandhom jitneħħew bil-mod[8]. Il-konformità tat-taxxa għandha tittejjeb permezz ta' azzjoni sistematika biex titnaqqas l-ekonomija moħbija, tiġi miġġielda l-evażjoni tat-taxxa[9] u tiġi żgurata effiċjenza aħjar tal-amministrazzjoni tat-taxxa.
- Il-preġudizzju korporattiv tat-taxxa lejn finanzjament tad-dejn għandu jitnaqqas.
- Il-taxxa fuq il-proprjetà immobbli u l-abitazzjoni għandha tiġi riformata sabiex tiġi evitata r-rikorrenza ta' riskji finanzjarji fis-settur tal-abitazzjoni. B'mod partikolari, l-aspetti tal-iskemi tat-taxxa li jżidu t-tendenza tal-unitajiet domestiċi li jissellfu, tipikament permezz ta' ħelsien mit-taxxa għall-ipoteki, għandhom jiġu riveduti.

Dwar il-maġġoranza ta' dawn il-miżuri, inħarġu rakkomandazzjonijiet dettaljati u speċifiċi għal kull pajjiż u jiġu organizzati attivitajiet ta' evalwazzjoni bejn il-pari fil-livell tal-UE biex jiġu evalwati l-progress u l-aħjar prassi. L-implimentazzjoni issa hija l-isfida ewlenija.

2. IR-RESTAWR TAS-SELF LILL-EKONOMIJA

Il-kriżi kellha impatt dewwiemi fuq is-sitwazzjoni finanzjarja ta' bosta atturi pubbliċi u privati, u dan affettwa l-fiduċja tal-investituri u tal-mutwanti u l-effettività tas-settur finanzjarju. It-tensjonijiet fis-swieq tad-dejn sovran u fi ħdan is-settur bankarju kabbru lil xulxin, u ħolqu problemi ta' finanzjament kbar għal bosta mutwatarji. Dawn l-iżviluppi wasslu wkoll għall-frammentazzjoni tas-sistema finanzjarja tul il-fruntieri nazzjonali, bi tnaqqis fl-infiq tal-attivitajiet finanzjarji għas-swieq domestiċi nazzjonali. L-aċċess għall-finanzjament limitat jew għali li jirriżulta għal ħafna negozji u unitajiet domestiċi li jixtiequ jinvestu kien ostakolu ewlieni għall-irkupru fl-Ewropa kollha sal-ġurnata tal-lum. Fl-istess ħin, livell għoljin ta' dejn ifissru li ħafna atturi ekonomiċi għandhom bżonn inaqqsu l-esponiment finanzjarju tagħhom jew iżidu t-tfaddil tagħhom. Tali tnaqqis fis-self (deleveraging) jista' jnaqqas l-irkupru fi żmien qasir. Il-problemi huma partikolarment akuti fl-Istati Membri vulnerabbli taż-żona tal-euro.

7 Il-Kummissjoni Ewropea, "Tax reforms in EU Member States 2012" (Riformi tat-Taxxa fl-Istati Membri tal-UE 2012), European Economy, 6/2012.

8 Fl-2013 l-Istati Membri se jibdew ukoll jirċievu dħul ġdid mill-irkanti tal-konċessjonijiet għall-emmissjonijiet fit-tielet fażi tal-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet.

9 Il-Kummissjoni dalwaqt se tippreżenta pjan ta' azzjoni sabiex issaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa, flimkien ma' gwida biex tiżgura governanza tajba fil-qasam tat-taxxa.

Qed issir azzjoni fil-livell tal-UE biex jiġu indirizzati r-riskji għas-settur finanzjarju u jiġu kkorreġuti d-dgħjufijiet ta' qabel tas-sistemi ta' regolamentazzjoni u superviżjoni tagħna:

- Sar sforz ikkoordinat biex jiġu valutati r-riskji tas-settur bankarju u biex jiġu kapitalizzati mill-ġdid il-banek. Ir-rikonoxximent tat-telf u t-tindif tal-karti tal-bilanċ tal-banek huma kruċjali għat-titjib tal-fiduċja fis-swieq u għandhom jitlestew mingħajr dewmien.
- Minn Jannar 2011 ġew stabbiliti awtoritajiet ta' superviżjoni tal-UE ġodda u qed jaħdmu biex jiżviluppaw ġabra unika tar-regoli għat-tisħiħ tal-qafas legali li japplika għall-istituzzjonijiet finanzjarji. Huwa meħtieġ ftehim rapidu dwar il-proposti tal-Kummissjoni dwar il-kapital tal-bank u l-likwidità, l-iskemi ta' garazija tad-depożiti u teħtieġ riżoluzzjoni bankarja sabiex jiġi provdut qafas aktar koerenti għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kriżijiet finanzjarji.
- Monitoraġġ aktar mill-qrib tal-livelli tad-dejn privat u r-riskji finanzjarji assoċjati, bħal pereżempju l-bżieżaq tal-proprjetà immobbli, issa qed iseħħ permezz ta' Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) u l-proċedura l-ġdida tal-UE biex tindirizza l-iżbilanċi makroekonomiċi.
- Bħala waħda mill-elementi kostitwenti għat-tisħiħ tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, il-Kummissjoni pproponiet unioni bankarja, li tinkludi Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, taħt l-awtorità tal-Bank Ċentrali Ewropew, sabiex tintegra aktar l-arranġamenti għas-superviżjoni tal-banek fil-livell tal-UE. L-istabbiliment ta' tali mekkaniżmu se joħloq ukoll il-kundizzjonijiet sabiex il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà jikkapitalizza mill-ġdid direttament il-banek li ma jirnexxilhomx iżidu l-kapital fis-swieq.

Fil-livell nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu aktar biex jippromwovu sorsi alternattivi ta' finanzjament, iżidu l-likwidità u jnaqqsu d-dipendenza tradizzjonali tal-kumpaniji fuq il-finanzjament mill-banek, pereżempju billi:

- Jippromwovu sorsi ġodda ta' kapital, inklużi self bejn in-negozji, filwaqt li jipprovdu aktar possibbiltajiet biex joħorġu bonds korporattivi u jiffaċilitaw l-aċċess għall-kapital tar-riskju.
- Inaqqsu l-ħlas tard mill-awtoritajiet pubbliċi, billi t-tul ta' żmien medju tagħhom mar aktar lura fil-kriżi u dan joħloq piżijiet partikolari għall-SMEs f'ambjent tan-negozju li diġà huwa diffiċli. Id-direttiva tal-UE dwar il-ħlas tard li għandha tiġi trasposta sa Marzu 2013 se tnaqqas id-dewmien għal 30 jum u ttejjeb il-kumpens fil-każ ta' ħlas tard.
- Jiżviluppaw ir-rwol tal-banek pubbliċi u jiggarantixxi lill-istituzzjonijiet fil-finanzjament tal-SMEs. Dan jista' jkopri xi wħud mir-riskji meħuda mill-investituri privati u jista' jikkumpensa għan-nuqqas ta' ekwità jew għad-daqs żgħir tal-kumpanija li għandha tiġi ffinanzjata, inkluż permezz ta' forom ġodda ta' titolizzazzjoni.
- Jappoġġaw l-iskemi innovattivi bħal pereżempju l-iskemi pubbliċi, li jippermettu lill-banek jissellfu b'rata aktar baxxa jekk iżidu s-self tagħhom fuq żmien twil lin-negozji jew jipprovdu self aktar irħis u aktar aċċessibbli lill-SMEs.
- Jiżguraw approċċ ibbilanċjat għall-esklużjonijiet mis-suq fil-każ ta' self ta' ipoteka, filwaqt li jipproteġu l-unitajiet domestiċi vulnerabbli u jevitaw li l-karti tal-bilanċ tal-banek isiru mgħobbija żżejjed. Dan jinkludi miżuri għall-introduzzjoni ta' reġimi dwar l-insolvenza personali li jippermettu

modifikazzjonijiet tat-termini tal-ipoteki sabiex jiġu evitati l-esklużjonijiet mis-suq.

Barra minn hekk, huwa importanti li l-istrumenti finanzjarji tal-UE eżistenti jew ġodda jintużaw bis-sħiħ sabiex jaġixxu bħala spinta għall-investiment immirat, b'mod partikolari għall-infrastrutturi ewlenin.

- Il-provvista ta' EUR 10 biljuni oħra lill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) se tippermettilu jipprovdi EUR 60 biljun ta' finanzjament addizzjonali fit-tliet snin jew erbgħa li ġejjin u se tillibera sa tliet darbiet din is-somma minn fornituri oħra tal-finanzi.
- L-użu ta' bonds għall-proġetti jirrappreżenta strument importanti ġdid għall-kondiviżjoni tar-riskji sabiex jillibera l-finanzjament privat, pereżempju mill-kumpaniji tal-assikurazzjoni u l-fondi tal-pensjoni, u b'hekk ikun kumplimentari mas-self tradizzjonali mill-bank. Bosta proġetti issa huma fi stadju avvanzat ta' tħejjija mill-BEI.
- Bħala parti mill-Patt għal Tkabbir u Impjiegi, il-Kummissjoni tkompli taħdem mal-Istati Membri biex tipprogramma mill-ġdid u taċċelera l-użu tal-fondi strutturali tal-UE biex tappoġġa t-tkabbir, l-aktar għall-SMEs. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mħeġġa li, fil-Programmi ta' Riforma Nazzjonali tagħhom, jindikaw kif jaħsbu li se jużaw il-Fondi Strutturali biex jippromwovu prijoritajiet li jiffavorixxu t-tkabbir għall-grupp ta' programmi li jmiss (2014-2020). Għandu wkoll isir użu sħiħ mill-faċilitajiet tal-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni li diġà mmobbilizzaw EUR 2,1 biljun f'fondi ta' kapital ta' riskju u pprovdew EUR 11,6 biljun ta' self lill-SMEs.

3. IL-PROMOZZJONI TAT-TKABBIR U L-KOMPETITTIVITÀ GĦAL-LUM U GĦAL GĦADA

Il-kriżi qed taċċelera l-bidliet fl-ekonomija u xi setturi aktar tradizzjonali kienu affettwati partikolarment ħażin u l-ġodda qed isibuha diffiċli biex jirnexxu. Il-pass mgħaġġel tar-ristrutturar huwa ta' sfida iżda jippreżenta wkoll opportunità li jintuża l-potenzjal kollu ta' sorsi ġodda ta' tkabbir u impjiegi[10]. Tali aġġustamenti huma aktar importanti, u ta' spiss iservu biex jikkoreġu, l-isfidi ta' kompetittività fuq żmien twil li jiffaċċjaw ħafna mill-ekonomiji tagħna. Ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija li ġie adottat flimkien ma' dan l-Istħarriġ juri li l-iżviluppi fil-kompetittività tal-prezz u mhux tal-prezz qed jikkontribwixxu b'mod pożittiv għat-titjib tal-iżbilanċi esterni, għalkemm b'xi dewmien ta' żmien. Dawk l-Istati Membri li qegħdin taħt pressjoni kbira tas-suq wettqu riformi sinifikanti iżda għandu jsir aktar minn hekk biex tittejjeb il-kompetittività interna u esterna f'medda kbira ta' Stati Membri.

Kif muri fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż, ma hemmx aġenda li tgħodd għal kulħadd iżda hemm għanijiet komuni, firxa ta' riformi li għandhom jitqiesu u bosta eżempji tal-aħjar prassi li wieħed jista' jislet minnhom - inklużi eżempji tal-mexxejja dinjija Ewropej. Filwaqt li xi riformi jistgħu jieħdu ż-żmien biex juru l-effetti tagħhom, oħrajn jistgħu joffru riżultati aktar immedjati.

[10] L-ewwel edizzjoni tar-Rapport dwar l-Integrazzjoni tas-Suq Uniku (COM(2012)752) li jakkumpanja dan l-Isħarriġ jippreżenta bosta każijiet ta' sorsi ta' tkabbir mhux użati. Hemm ukoll aktar informazzjoni fl-istudju tal-Kummissjoni li ġej li jismu "The cost of non-Europe: the untapped potential of the Single Market" (Il-kost li ma jkunx hemm Ewropa: il-potenzjal mhux użat tas-Suq Uniku).

Xi kundizzjonijiet ta' qafas għandhom jiġu stabbiliti fil-livell nazzjonali u l-prijoritajiet jinkludu:

- It-trawwim tal-innovazzjoni, teknoloġiji ġodda u ż-żieda tal-livelli tal-investiment pubbliku u privat fir-riċerka u l-iżvilupp. Appoġġ immirat minn awtoritajiet pubbliċi u kompetizzjoni akbar għall-għotjiet għar-riċerka se jkollhom rwol importanti f'dan.
- Iż-żieda tal-prestazzjoni tas-sistemi edukattivi u tat-taħriġ u l-livelli tal-ħiliet globali, filwaqt li jkun hemm rabta aktar mill-qrib bejn id-dinja tax-xogħol u tal-edukazzjoni.
- It-titjib tal-ambjent tan-negozju, billi l-formalitajiet meħtieġa biex jinbeda negozju jsiru aktar flessibbli, jiġu ssimplifikati l-proċessi ta' awtorizzazzjoni, liċenzji u konformità tat-taxxa, u jitnaqqas il-piż amministrattiv globali fuq l-impriżi. Għandhom jingħelbu ostakli partikolari għall-attivitajiet fis-setturi li għandhom ħafna impjiegi bħall-kostruzzjoni, is-servizzi tan-negozju, il-loġistika, it-turiżmu u l-kummerċ bl-ingrossa.
- L-użu sħiħ tal-potenzjal tal-ekonomija ekoloġika permezz tal-istabbiliment ta' qafas regolatorju prevedibbli u l-promozzjoni tal-emerġenza ta' swieq u teknoloġiji ġodda. B'mod partikolari, programmi ta' rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika - inklużi, r-rekwiżiti tad-direttiva dwar l-effiċjenza enerġetika, iżda mhux limitati għalihom biss - jistgħu jġibu magħhom tfaddil kbir u ħolqien ta' impjiegi, minbarra l-benefiċċji ambjentali. Il-ġestjoni mtejba tal-iskart, il-ġestjoni tal-ilma u r-riċiklaġġ ukoll għandhom potenzjal kbir biex joħolqu impjiegi ġodda, filwaqt li jgħinu biex tiġi żgurata l-provvista ta' riżorsi u materjali skarsi.

Is-suq uniku Ewropew joffri ħafna opportunitajiet għan-negozji biex jiżviluppaw u għall-konsumaturi biex jibbenefikaw minn servizzi u prodotti aħjar. Fil-qasam tas-servizzi, jista' jsir gwadann kbir jekk l-Istati Membri jtejbu l-implimentazzjoni tad-direttiva dwar is-servizzi billi:

- Jikkonformaw mal-obbligi tagħhom biex jeliminaw ir-restrizzjonijiet ibbażati fuq in-nazzjonalità jew ir-residenza tal-fornitur tas-servizzi.
- Jirrevedu l-ħtieġa u l-proporzjonalità tar-regolamentazzjoni tas-servizzi professjonali, b'mod partikolari t-tariffi fissi, u l-limitazzjonijiet fuq l-istrutturi tal-kumpaniji u s-sjieda kapitali.
- Jirrevedu l-applikazzjoni tal-klawżola dwar il-libertà li wieħed jipprovdi servizzi sabiex titneħħa r-regolamentazzjoni doppja mhux ġustifikata fis-setturi bħal pereżempju l-kostruzzjoni, is-servizzi tan-negozju u t-turiżmu, u jiġi żgurat l-ipprezzar trasparenti fis-servizzi tal-kura tas-saħħa.
- Isaħħu l-kompetizzjoni fis-settur tal-bejgħ bl-imnut billi jitnaqqsu r-restrizzjonijiet operattivi, b'mod partikolari billi jiġu eliminati t-testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi.

Il-prestazzjoni tal-industriji tan-netwerks madwar l-Ewropa għandha wkoll effett sekondarju kritiku fuq il-bqija tal-ekonomija u dan jista' jittejjeb b'mod sinifikanti billi:

- Jiġu żviluppati l-inċentivi t-tajbin għall-introduzzjoni rapida fil-pajjiż kollu tal-infrastruttura tal-internet b'veloċità għolja u l-iżvilupp tat-traffiku tad-dejta bil-mowbajl. Il-meded ta' frekwenzi għall-broadband mingħajr wajer jeħtieġu li jiġu lliberati mill-gvernijiet.
- L-iżgurar tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni sħiħa tat-tielet pakkett dwar l-enerġija, b'mod partikolari s-separazzjoni tan-netwerks, l-iżgurar tal-indipendenza

u s-setgħat neċessarji tar-regolaturi nazzjonali u t-tneħħija b’mod gradwali tal-prezzijiet tal-enerġija rregolati, filwaqt li jiġu protetti l-konsumaturi vulnerabbli.

- L-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew billi titnaqqas il-frammentazzjoni tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u tittejjeb l-organizzazzjoni tal-ispazju tal-ajru.
- Il-ftuħ għall-kompetizzjoni tas-servizzi domestiċi għall-passiġġieri tal-ferroviji, b’mod partikolari permezz ta' aċċess ugwali għall-infrastruttura.
- L-integrazzjoni aħjar tal-portijiet fil-katina loġistika, billi jitneħħew l-ostakli għad-dħul għas-servizzi tal-portijiet.
- It-tneħħija tar-restrizzjonijiet li jifdal għall-kabotaġġ biex jittejjeb il-proporzjon bejn il-provvista u d-domanda fit-trasport internazzjonali.
- B'mod konformi mad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku, l-applikazzjoni ta’ regoli armonizzati dwar it-trasparenza u ta’ rekwiżiti ta’ informazzjoni għan-negozji u l-konsumaturi.

Il-prestazzjoni tas-swieq tal-prodotti tista’ wkoll tittejjeb ħafna jekk il-korpi nazzjonali ta’ standardizzazzjoni jilħqu l-objettivi stabbiliti fil-livell tal-UE, b’mod partikolari biex issir il-bidla mill-istandards nazzjonali għal dawk fil-livell Ewropew. Għandu jsir użu sħiħ tan-notifika tar-regoli tekniċi għall-prodotti u s-servizzi tal-ICT sabiex tiġi ffaċilitata ċ-ċirkolazzjoni tagħhom fis-suq uniku.

4. L-INDIRIZZAR TAL-QGĦAD U L-KONSEGWENZI SOĊJALI TAL-KRIŻI

Fl-aħħar tnax-il xhar, l-għadd ta’ persuni qiegħda żdied b’żewġ miljuni, u laħaq aktar minn 25 miljun. Ir-rata tal-qgħad tasal sa 10,6% fl-UE u 11,6% fiż-żona tal-euro. Il-qgħad fuq żmien twil qed jiżdied u kważi persuna qiegħda għal kull tnejn ilha mingħajr impjieg għal aktar minn sena. Is-sitwazzjoni tvarja b’mod sinifikanti ħafna madwar l-Ewropa, bir-rati nazzjonali tal-qgħad ivarjaw fil-medja minn inqas minn 5% sa aktar minn 25%. Iż-żgħażagħ ġew affettwati partikolarment ħażin, u r-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ laħqu aktar minn 50% f’ċerti pajjiżi[11], iżda persuni ta' etajiet oħrajn ġew affettwati wkoll.

Minħabba t-tul tal-perjodi ta’ qgħad, ir-ristrutturar rapidu tal-ekonomija u d-diffikultajiet biex wieħed isib impjieg, hemm riskju li l-qgħad isir aktar u aktar strutturali u li għadd dejjem jiżdied ta’ persuni jirtiraw mis-suq tax-xogħol[12]. Hemm ukoll indikazzjonijiet ċari li r-riskji tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali qed jiżdiedu f’bosta Stati Membri[13]. Pressjonijiet addizzjonali fuq is-sistemi ta’ protezzjoni soċjali jaffettwaw ukoll il-kapaċità tagħhom li jwettqu l-funzjonijiet ta’ protezzjoni soċjali tagħhom.

Il-prospettivi dgħajfa għat-tkabbir u d-differenza ta’ żmien bejn l-irkupru ekonomiku u l-irkupru fis-suq tax-xogħol ifissru li ma hemmx prospettiva ta’ titjib immedjat jew awtomatiku

---

11 Fl-aħħar sena, il-Kummissjoni stabbilixxiet timijiet ta’ azzjoni biex jgħinu lill-pajjiżi bir-rati l-aktar għoljin ta’ qgħad fost iż-żgħażagħ fil-programmazzjoni mill-ġdid tal-fondi tal-UE għall-appoġġ tal-opportunitajiet tat-taħriġ u l-impjiegi għaż-żgħażagħ. Ara l-ewwel riżultati hawn: http://ec.europa.eu/commission_2010-2014/president/pdf/council_dinner/youth_action_team_mt.pdf

12 L-Abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi mehmuż ma’ dan l-Isħarriġ jipprovdi informazzjoni aktar dettaljata.

13 L-għadd ta’ persuni li qegħdin f’riskju ta’ faqar u esklużjoni soċjali żdied mill-2008 fi 13 mit-23 Stat Membru li għalihom hemm dejta disponibbli fl-2011.

fis-sitwazzjoni tal-impjiegi. Dan joħloq sfida ewlenija għall-UE kollha kemm hi, kif ukoll għal dawk il-pajjiżi l-aktar affettwati, u jitlob għal azzjoni aktar determinata mill-awtoritajiet pubbliċi u s-sħab soċjali.

Minbarra l-impatt tal-kriżi attwali, ix-xejra strutturali lejn popolazzjoni fl-età tax-xogħol li qed tixjieħ u, dalwaqt, li qed tonqos f'partijiet tal-Ewropa toħloq sfidi partikolari. It-tħeġġiġ tal-irtirar bikri tal-ħaddiema akbar fl-età bit-tama li ż-żgħażagħ ikunu reklutati minflokhom hija politika li kienet ineffiċjenti ħafna u li swietna ferm fl-imgħoddi, u ma għandhiex tiġi ripetuta.

Minkejja l-livelli għoljin ta' qgħad, hemm ukoll evidenza ta' skarsezza fil-ħiliet u dak li jitlob is-suq ma jaqbilx mas-snajja' li hemm disponibbli, b'ċerti reġjuni jew setturi li għandhom nuqqas ta' impjegati li jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom. Iż-żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, it-titjib tal-livelli tal-ħiliet u l-iffaċilitar tal-mobbiltà jibqgħu prijoritajiet urġenti.

Madwar l-Ewropa qed jiġu implimentati bosta riformi ambizzjużi. Fil-pajjiżi taħt pressjoni finanzjarja, ittieħdu miżuri biex jiffaċilitaw arranġamenti ta' xogħol flessibbli fi ħdan id-ditti, biex inaqqsu l-paga ta' meta lill-ħaddiema jintemmilhom kuntratt standard u jissimplifikaw il-proċeduri ta' sensja individwali jew kollettiva. Ittieħdu wkoll passi biex tissaħħaħ il-flessibbiltà fid-determinazzjoni tal-paga, bħal pereżempju jittaffew il-kundizzjonijiet għad-ditti biex jeskludu ruħhom mill-ftehimiet ta' negozjar kollettiv ta' livell ogħla u r-reviżjoni tal-ftehimiet dwar il-pagi settorjali.

It-tħejjija għal irkupru b'abbundanza ta' impjiegi

Aktar sforzi għat-titjib tar-reżiljenza tas-suq tax-xogħol u għall-investiment fil-kapital uman huma essenzjali biex jiġu megħjuna l-kumpaniji fir-reklutaġġ u l-adattament, u sabiex aktar persuni jkunu jistgħu jibqgħu attivi u jieħdu l-opportunitajiet. Is-sħab soċjali għandhom rwol ewlieni u dan għandhom iwettquh flimkien mal-awtoritajiet pubbliċi. Għalhekk il-Kummissjoni tirrakkomanda, b'mod partikolari:

- Li jiġi limitat il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol, l-aktar għal dawk li għandhom paga baxxa, bħala parti minn sforzi aktar wesgħin biex il-piż tat-taxxa jitneħħa mix-xogħol. Tnaqqis temporanju fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew skemi għas-sussidji tal-impjiegi għar-reklutati ġodda, l-aktar għal dawk li għandhom ftit ħiliet u dawk li ilhom qiegħda, jistgħu wkoll jitqiesu għall-promozzjoni tal-ħolqien tal-impjiegi, sakemm ikunu mmirati sew.
- Li jitkompla l-immodernizzar tas-swieq tax-xogħol billi tiġi ssimplifikata l-leġiżlazzjoni tal-impjiegi u jiġu żviluppati arranġamenti tax-xogħol flessibbli, inklużi arranġamenti ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u ambjenti tax-xogħol li huma ta' inċentiv għal ħajja professjonali itwal. It-tnaqqis tad-diskrepanzi fil-protezzjoni tal-impjiegi bejn tipi differenti ta' kuntratti tax-xogħol għandu wkoll jgħin biex tonqos is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, kif ukoll ix-xogħol mhux iddikjarat, f'bosta pajjiżi. L-impatt tal-benefiċċji tal-qgħad għandu jiġi mmonitorjat sabiex jiġu żgurati l-eliġibbiltà xierqa u r-rekwiżiti effettivi għat-tfittxija ta' impjieg.
- Li jiġi mmonitorjat l-effett tas-sistemi li jistabbilixxu l-pagi, b'mod partikolari l-mekkaniżmi ta' indiċjar, u jekk ikun meħtieġ li jiġu emendati, filwaqt li jiġu rispettati l-prattiki ta' konsultazzjoni nazzjonali, sabiex jiġu riflessi aħjar l-iżviluppi tal-produttività u jiġi appoġġat il-ħolqien tal-impjiegi. Huwa importanti li l-livelli tas-salarji minimi jiksbu bilanċ tajjeb bejn il-ħolqien tal-impjiegi u introjtu adegwat.

- Biex jintuża bis-sħiħ il-potenzjal tas-setturi li qed jespandu, bħal pereżempju l-ekonomija ekoloġika, il-kura tas-saħħa u l-ICT, permezz ta’ qafas legali li jħares lejn il-ġejjieni u li huwa affidabbli, żvilupp ta' ħiliet xierqa u appoġġ pubbliku mmirat[14].

It-titjib tal-livelli tal-impjegabbiltà, b’mod partikolari taż-żgħażagħ

Fl-istess ħin, l-Istati Membri għandhom jagħmlu aktar biex jiġġieldu kontra l-qgħad, itejbu l-impjegabbiltà u jappoġġaw l-aċċess għall-impjiegi jew ir-ritorn għad-dinja tax-xogħol, b’mod partikolari għal dawk li ilhom qiegħda għal żmien twil u għaż-żgħażagħ. Dan jinkludi miżuri:

- Għat-tisħiħ tas-servizzi pubbliċi għall-impjiegi u ż-żieda ta’ miżuri attivi fis-suq tax-xogħol, inkluż it-titjib tal-ħiliet, assistenza individwali għat-tfittxija ta’ impjieg, appoġġ għall-intraprenditorija u l-impjiegi indipendenti u skemi ta' appoġġ għall-mobbiltà. Minkejja xi riżorsi addizzjonali ddedikati għal dawn l-attivitajiet jew sforzi għat-titjib tal-effiċjenza tagħhom, l-appoġġ ipprovdut bil-kemm jilħaq maż-żieda fl-għadd ta’ persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg li sseħħet f’bosta pajjiżi.
- Għat-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola u l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol permezz tal-iżvilupp ta' skemi ta' taħriġ ta’ kwalità, apprentistati u mudelli ta' tagħlim doppju - edukazzjoni bbażata fil-klassi flimkien ma' esperjenza diretta fil-post tax-xogħol. Sforzi għall-iżvilupp tal-ħiliet intraprenditorjali huma meħtieġa biex jiġi appoġġat il-ħolqien ta’ negozji ġodda u jitjiebu l-livelli tal-impjegabbiltà taż-żgħażagħ[15]..
- Għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta’ skemi ta’ “garanzija għaż-żgħażagħ” fejn kull żgħażugħ taħt l-età ta’ 25 sena jirċievi offerta ta’ impjieg, it-tkomplija tal-edukazzjoni, apprentistat jew skema ta’ taħriġ fi żmien erba’ xhur minn meta jitlaq mill-edukazzjoni formali jew minn meta jitlef l-impjieg. Tali skemi jistgħu jiġu kofinanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew[16].
- Għall-iffaċilitar tal-parteċipazzjoni tas-suq tax-xogħol u l-aċċess għall-impjiegi għal dawk li jipprovdu t-tieni sors ta’ dħul permezz ta’ inċentivi xierqa ta’ benefiċċju għat-taxxa u l-provvista ta’ kura għat-tfal ta’ kwalità u bi prezz li jista’ jintlaħaq.
- Għat-titjib tal-aċċess għas-sistemi tat-tagħlim tul il-ħajja matul il-ħajja professjonali kollha, inkluż għall-ħaddiema akbar fl-età, permezz tat-tisħiħ tas-sħubiji tal-istituzzjonijiet pubbliċi u privati involuti fil-provvista, l-applikazzjoni u l-aġġornament ta’ ħiliet speċifiċi.
- Għat-titjib tal-konnessjoni bejn is-sistemi tal-edukazzjoni u tat-tagħlim tul il-ħajja u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Il-kwalifiki terzjarji ta’ ċiklu qasir ta’ sentejn, iffokati fuq oqsma fejn ġie identifikat nuqqas ta’ ħiliet, kif ukoll skemi ta’ mobbiltà mmirati, jistgħu jkunu partikolarment effettivi fiċ-ċirkostanzi attwali.
- Għat-tħeġġiġ tal-mobbiltà tax-xogħol bejn il-fruntieri billi jitneħħew ċerti ostakoli u jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-esperjenza professjonali. Għandha tiġi rinfurzata l-kooperazzjoni bejn is-servizzi tal-impjiegi, u l-

---

14 Il-Kummissjoni spjegat il-modi kif jista’ jintuża bis-sħiħ dan il-potenzjal fil-Komunikazzjoni tagħha “Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta’ impjiegi” (COM(2012)173) tat-18 ta’ April 2012.

15 Fl-20 ta’ Novembru 2012 il-Kummissjoni adottat il-komunikazzjoni “rethinking education” (Nikkunsidraw mill-ġdid l-edukazzjoni) (COM (2012) 669)

16 Il-Kummissjoni dalwaqt se tippreżenta “pakkett dwar l-impjiegi taż-żgħażagħ”.

pjattaforma EURES tista' tipprovdi l-bażi għal suq tax-xogħol Ewropew aktar integrat.

Il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-indirizzar tal-faqar

Minbarra dawn il-miżuri, hemm bżonn ta' sforzi addizzjonali sabiex tiġi żgurata l-effettività tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali fil-ġlieda kontra l-effetti tal-kriżi, biex tiġi promossa l-inklużjoni soċjali u jiġi evitat il-faqar:

- Għandhom jiġu żviluppati strateġiji attivi ta' inklużjoni li jħaddnu appoġġ għall-introjtu effiċjenti u xieraq, miżuri għall-indirizzar tal-faqar, inkluż il-faqar fost it-tfal, kif ukoll aċċess wiesa' għal servizzi bi prezz li jista' jintlaħaq u ta' kwalità għolja, bħal pereżempju s-servizzi soċjali u tas-saħħa, il-kura tat-tfal, l-abitazzjoni u l-provvista tal-enerġija.
- Ir-rabta bejn l-assistenza soċjali u l-miżuri ta' attivazzjoni għandha tissaħħaħ permezz ta' servizzi aktar personalizzati (punt uniku ta' servizz) u sforsi għat-titjib tal-adozzjoni ta' miżuri mill-gruppi vulnerabbli. Ladarba jirkupra s-suq tax-xogħol, se jkun importanti li jitneħħew gradwalment il-miżuri relatati mal-kriżi, filwaqt li jiġi żgurat li jiġu preservati x-xbieki ta' sikurezza essenzjali.

5. L-IMMODERNIZZAR TAL-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA

Ir-restrizzjoni fil-finanzi pubbliċi ħolqot momentum imġedded għall-immodernizzar tal-amministrazzjoni pubblika. Fl-UE, in-nefqa pubblika tirrappreżenta kważi 50% tal-PDG u s-settur pubbliku jirrappreżenta madwar 17% tal-impjiegi totali.

Tul is-snin, bosta Stati Membri ħadu miżuri biex iżidu l-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi tagħhom kif ukoll it-trasparenza u l-kwalità tal-amministrazzjoni pubblika u l-ġudikatura tagħhom. Tali riformi kienu partikolarment estensivi fil-pajjiżi li għandhom taqlib finanzjarju. Eżempji jinkludu l-organizzazzjoni mill-ġdid tal-gvern lokali u ċentrali, ir-razzjonalizzazzjoni tas-sistema ta' pagi tas-settur pubbliku u tal-governanza tal-impriżi li huma proprjetà tal-istat, ir-riforma tal-proċessi tal-akkwist pubbliku, reviżjonijiet regolari komprensivi tan-nefqa u l-promozzjoni ta' miżuri ta' effiċjenza fis-settur pubbliku, bħal pereżempju aktar użu ta' servizzi kondiviżi u soluzzjonijiet tat-tekonoloġija tal-informatika. Bosta drabi, l-Istati Membri u l-Kummissjoni kkooperaw permezz tal-provvista jew l-iskambju ta' assistenza teknika.

Il-miżuri varji deskritti hawn fuq - bħal pereżempju t-traspożizzjoni sħiħa u korretta tal-liġi tal-UE, l-effiċjenza tas-sistemi tal-ġabra tat-taxxi u tal-kura tas-saħħa, il-ħtieġa li jitnaqqas id-dewmien għall-ħlas u r-rwol tas-servizzi tal-impjiegi pubbliċi - jista' jkollhom impatt pożittiv sinifikanti u għandhom jitkomplew. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li dawn li ġejjin huma kontributuri partikolari għat-tkabbir:

- L-użu ta' ġestjoni finanzjarja soda permezz tal-użu sħiħ tal-opportunitajiet tal-akkwist pubbliku bħala appoġġ għall-kompetizzjoni tas-suq u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-akkwist elettroniku fis-suq uniku. Tali azzjonijiet mhux biss jikkontribwixxu għal aktar effiċjenza u sens ta' ġustizzja iżda jgħinu wkoll biex tiġi miġġielda l-korruzzjoni.
- Is-simplifikazzjoni tal-qafas regolatorju għan-negozji u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv u l-burokrazija żejda, partikolarment fil-livell nazzjonali.

- L-iżgurar tad-diġitalizzazzjoni mxerrda u interoperabbli tal-amministrazzjoni pubblika, bl-għan li jitħeġġu proċeduri faċli għall-utent għall-fornituri u r-riċevituri tas-servizzi, kif ukoll is-simplifikazzjoni u t-trasparenza amministrattiva. L-interoperabbiltà bejn il-fruntieri tas-servizzi onlajn u ċ-ċentri tar-riċerka madwar l-UE hija partikolarment importanti.
- It-titjib tal-kwalità, l-indipendenza u l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji kif ukoll l-iżgurar li t-talbiet jistgħu jiġu solvuti f'tul ta' żmien raġonevoli u l-promozzjoni tal-użu ta' mekkaniżmi alternattiv għat-tilwim. Dan għandu jnaqqas l-ispejjeż għan-negozji u jagħmel il-pajjiż aktar attraenti għall-investituri barranin.
- L-użu aħjar tal-fondi strutturali tal-UE billi jissaħħu l-isforzi tal-kapaċità amministrattiva din is-sena sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni aktar malajr tal-fondi mhux użati.

KONKLUŻJONI

L-ekonomija tal-UE qed toħroġ bil-mod mill-kriżi finanzjarja u ekonomika l-aktar profonda ta' dawn l-aħħar deċennji. L-Istati Membri qed jibdew minn pożizzjonijiet differenti, in-natura u d-daqs tal-isfidi li jiffaċċjaw mhumiex l-istess u l-pass tar-riformi jvarja. Is-sitwazzjoni għadha fraġli. L-implimentazzjoni ta' riformi qed isseħħ, u qed isiru aġġustamenti importanti, iżda hemm sinjali li matul is-sena d-dieħla se nibdew nirkupraw. F'dawk l-Istati Membri li għamlu riformi profondi, l-isforzi qed jibdew jagħtu r-riżultati tagħhom: l-iżbilanċi qed jitnaqqsu u l-kompetittività qed titjieb.

Dan il-proċess ma jirrigwardax biss ritorn lejn it-tkabbir iżda wkoll il-bini ta' bażi għal kwalità differenti ta' tkabbir ta' wara l-kriżi. Ir-riformi strutturali fil-livell nazzjonali u tal-UE għandhom isaħħu l-ħila tal-UE biex tikkompeti globalment, filwaqt li jiġi ġġenerat it-tkabbir lokalment permezz ta' attivitajiet li huma sostenibbli u li jgħammru lill-UE b'politiki u strumenti meħtieġa biex jiġi żgurat ġejjieni ta' suċċess finanzjarju, inklużiv u effiċjenti fir-riżorsi. Is-solidarjetà u s-sens ta' ġustizzja - ġewwa l-pajjiżi iżda wkoll madwar l-Ewropa - se jkunu l-elementi essenzjali biex jiġi żgurat li l-isforzi mwettqa jkunu aċċettabbli politikament u soċjalment u ta' benefiċċju għal kulħadd.

Ħafna deċiżjonijiet importanti diġà ttieħdu fl-Istati Membri u fil-livell tal-UE. Issa huwa ż-żmien li wieħed iżomm id-direzzjoni u jimplimenta dak li ġie miftiehem. Sabiex jerġa' jkun hemm il-fiduċja u t-tkabbir, huwa importanti ħafna wkoll li jinżamm il-pass tar-riformi b'mod partikolari fl-oqsma li ġejjin:

- Il-finanzi pubbliċi għandhom jinġiebu lura fit-triq it-tajba sabiex jerġgħu jkunu sostenibbli. Dan huwa importanti mhux biss għall-fiduċja tal-investituri fi żmien qasir iżda wkoll biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' soċjetà li qed tixjieħ u biex jiġu preservati l-prospettivi tal-ġenerazzjoni futuri. Il-pass u n-natura tal-konsolidament fiskali jista' jvarja: filwaqt li xi Stati Membri jeħtieġ li jnaqqsu d-defiċits malajr, oħrajn għandhom aktar possibbiltà għall-manuvrar. Kwalunkwe impatt negattiv fuq it-tkabbir fi żmien qasir jista' jiġi mmitigat permezz ta' miżuri xierqa fin-naħat tan-nefqa u d-dħul tal-baġits tal-gvern.

- L-isforzi biex jissewwa s-settur finanzjarju għandhom ikomplu jiksbu mill-ġdid l-istabbiltà finanzjarja u jagħtu kundizzjonijiet ta' finanzjament aħjar għall-ekonomija, inkluż permezz ta' sorsi alternattivi ta' finanzi. Huwa meħtieġ aktar progress fil-livell

tal-UE biex jinbena qafas integrat ta' superviżjoni u biex jiġi rinforzat il-qafas legali li japplika għall-istituzzjonijiet finanzjarji.

- Ir-riformi strutturali għandhom jiġu rinforzati għall-promozzjoni tat-tkabbir u t-tisħiħ tal-kompetittività. Għad hemm firxa kbira ta' miżuri li għandha titqies fil-livell nazzjonali u l-leġiżlazzjoni stabbilita tal-UE għandha sservi bħala spinta għall-bidla. Wieħed jista' jitgħallem ħafna mill-aħjar prassi fl-Istati Membri u l-pajjiżi terzi.

- Is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol u s-sitwazzjoni soċjali jeħtieġu reazzjoni urġenti. It-tisħiħ tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, ir-rinfurzar u t-titjib tas-servizzi pubbliċi għall-impjiegi, is-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-impjiegi u l-iżgurar li l-iżviluppi tas-salarji jappoġġaw il-ħolqien tal-impjiegi huma elementi essenzjali ta' tali strateġija. Is-sitwazzjoni taż-żgħażagħ tirrikjedi attenzjoni partikolari. Barra minn hekk, għandhom jiżdiedu l-isforzi biex tiġi promossa l-inklużjoni soċjali u jiġi evitat il-faqar billi jissaħħu x-xbieki ta' sikurezza essenzjali.

- L-istrateġiji tat-tkabbir fil-livell nazzjonali u tal-UE jistgħu biss jiġu implimentati bl-għajnuna ta' amministrazzjonijiet pubbliċi effettivi. Jista' jsir aktar biex tiġi mmodernizzata, pereżempju fil-qasam tal-akkwist pubbliku, id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, filwaqt li jittejbu l-kwalità u l-indipendenza tas-sistemi ġudizzjarji u l-iskjerament effettiv u effiċjenti tal-fondi strutturali tal-UE.

Il-gwida pprovduta f'dan l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir se tiġi diskussa fil-livell tal-UE għat-tħejjija tal-Kunsill Ewropew tar-rebbiegħa f'Marzu li ġej u sabiex tgħin fit-tħejjija tas-settijiet aġġornati ta' programmi nazzjonali u rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż. Il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali, inklużi l-parlamenti nazzjonali, l-Istituzzjonijiet tal-UE u partijiet interessati oħra biex toħloq sens kondiviż ta' sjieda u tmexxi l-progress bħala parti minn sforzi aktar wiesgħa tal-UE biex toħroġ mill-kriżi u biex tinbena bażi għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv madwar l-UE.